MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 1997

Citazzjoni Numru. 688/1995/2

**Anna Magro**

**Vs**

**Emanuela Psalia f'isimha propju ghal kull interess illi ghandha u bhala legittima rappresentanti ta' binha minuri Peter Paul Psalia**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att ta' citazzjoni li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi b'sentenza moghtija fis-26 ta' Marzu 1990 fil-kawza fl-ismijiet Anna Magro vs Emanuela Psalia noe (Cit Nru 335/87) din il-qorti kienet ordnat id-divizjoni tar-razzett denominat "Tal-Lewza" jew 'Tal-Palma", il-Qrendi, Siggiewi Road, bla numru, disinjat bl-isem ta' "Almond

Tree Farm" b'gardin mieghu ta' cirka mitejn u hamsa u ghoxrin punt seba' u ghoxrin metru kwadru (225.27m2) f'zewg porzjonijiet ndaqs li minnhom wahda tigi assenjata lill-attrici u l-ohra lill-konvenuta nomine, - nominat ghal fini ta' divizjoni lill-AIC Carmel Caccopardo biex jipproponi pjan ta' qasma, lin-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha biex jippubblika l-kuntratt relattiv u lil Dottor Godwin Aquilina LL.D. bhala kuratur biex jirrappresenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att (Dok. A).

Premess illi sussegwentement u permezz tad-digriet opportun, din il-Qorti kienet issostitwiet lill-imsemmi Perit Carmel Caccopardo u hatret minnfloku lill-AIC. Fredrick C. Doublet bl-istess inkarigu u l-imsemmi Perit Doublet, in ezekuzzjoni ta' tali nkarigu ippropona l-pjan ta' divizjoni illi huwa hawn anness (Dok B).

Premess illi b'att ippubblikat fit-12 ta' Lulju, 1993 minn Nutar Joseph Henry Sciriha, nominat ghal dan l-iskop minn din il-Qorti saret id-divizjoni tar-razzett u l-gjardina kif ordnat mil-Qorti b'sehh tas-sentenza fuq imsemmija u skond id-divizjoni propposta mill-Perit Doublet b'mod illi kull parti giet assenjata nofs indiviz tal-istess razzett u gjardina.

Premess illi kif ghandu jirrizulta mill-imsemmi pjan ta' divizjoni tal-Perit Fredrick C. Doublet, huma mehtiega diversi xogholijiet strutturali sabiex l-imsemmija razzett u gjardina jigu fizikament divizi bejn il-kontendenti kif propost fl-istess pjan.

Premess illi l-konvenuta tinsab fil-pussess u l-kontroll tal-imsemmija gjardina u razzett u qeghda fizikament timpedixxi lill-attrici u n-nies mibghuta minnha, milli jaghmlu u jwettqu x-xogholijiet strutturali mehtiega skond il-pjan ta' divizjoni tal-Perit Doublet.

Tghid l-attrici ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tinibixxi definittivament lill-istess konvenuta milli taccedi ghal, tuzu jew tokkupa dawk l-ambjenti tar-razett u

l-gjardina illi gew assenjati lill-attrici b'effett tal-kuntratt tad-divizjoni fuq imsemmi tat-12 ta' Lulju, 1993 u dan taht il-komin tal-ligi.

2. Tawtorizza lill-istess attrici sabiex taghmel u twettaq pesonalment jew permezz ta' haddiema kompetenti u dejjem that is-supervizjoni ta' Perit nominat ghal dana l-iskop minn din il-Qorti, dawk ix-xogholijiet mehtiega skond il-pjan ta' divizjoni ppreparat mill-AIC Fredrick Doublet fuq imsemmi, sabiex l-ishma tal-kontendenti, fil-gjardina u r-razzett fuq imsemmi jigu fizikament separati u divizi minn xulxin b'dana illi l-ispejjez ta' tali xogholijiet jkunu a kariku tal-kontendenti f'ishma ndaqs u b'dana wkoll illi s-sehem tal-istes konvenuta minn dawn l-ispejjez debitament iccertifikat bhala tali mill-Perit nominat minn din il-Qorti, jkun rikoverabbli mill-attrici minnghand il-konvenuta b'titolu ezekuttiv.

3. U tenut kont tal-anticedenti tal-istess konvenuta, tinibixxi definittivament lill-istess konvenuta milli bi kwalukwe mod tfixkel jew izzom it-twettiq tax-xogholijiet imsemmija fl-ahhar talba u dan taht il-komin tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 2 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** proprio et nomine a fol. 58 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li s-sentenza li fuqha hija bbazata waqt li hatret Perit u Nutar ma ghamlitx hi stess l-assenjazzjoni ta' liema parti kellha tkun ta' naha jew ta' ohra, u bl-ebda mod ma approvat ir-rapport tal-perit.

**Rat il-kontro-talba tal-konvenuta** li permess taghha gie premess li minghajr ma giet stabbilita liema kellha tkun il-kwota tal-kontendenti u peress li l-perizja qatt ma giet definittivament approvata bis-sentenza imsemmija fic-

citazzjoni, u ghalhekk l-kuntratt maghmul sussegwentement huwa null u bla effett;

Tghid il-konvenuta rikonvenuta ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-kuntratt li gie ppubblikat in ssegwitu ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal- Qorti Civili tas-26 ta' Marzu, 1990, huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-attrici ghas-subizzjoni.

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attrici a fol 61 ghal kontrotalba** fejn eccepiet:

1. Illi l-kuntratt tat-12 ta' Lulju, 1993 huwa validu u ezegwibbli billi sar in forza tas-sentenza imsemmija fic-citazzjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat is-sentenza preliminari taghha a fol 83;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 135 et seq;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 135 giet michuda l-kontrotalba tal-konvenuta fejn talbet lill Qorti tiddikjara li l-kuntratt li gie ppubblikat in ssegwitu ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Marzu, 1990, huwa null u bla effett.

Illi s-sustanza tal-eccezzjoni tal-konvenuta ghat-talbiet attrici kienet fl-istess sens cjoe li s-sentenza li fuqha hija

bbazata waqt li hatret Perit u Nutar ma ghamlitx hi stess l-assenjazzjoni ta' liema parti kellha tkun ta' naha jew ta' ohra, u bl-ebda mod ma approvat ir-rapport tal-perit.

Illi l-konvenuta ma qajmet ebda eccezzjoni ohra.

Illum hemm sentenza kontra l-konvenuta li ghaddiet in gudikat u qatt ma giet appellata.

Kien sar il-kuntratt ta' divizjoni li ghalkemm il-konvenuta ma kienitx attendiet ghalih izda kien gie ffirmat mill-kuratur mahtur in forza tas-sentenza li ddikjara li kien kuntent bil-qasma kif maghmula. Dan il-kuntratt irrifletta dak li ntqal u gie suggerit fir-rapport peritali.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tinibixxi definittivament lill-istess konvenuta milli taccedi ghal, tuza jew tokkupa dawk l-ambjenti tar-razzett u l-gjardina illi gew assenjati lill-attrici b'effett tal-kuntratt tad-divizjoni fuq imsemmi tat-12 ta' Lulju, 1993;

Tawtorizza lill-istess attrici sabiex taghmel u twettaq pesonalment jew permezz ta' haddiema kompetenti u taht is-supervizjoni ta' Perit Fredrick Doublet dawk ix-xogholijiet mehtiega skond il-pjan ta' divizjoni ppreparat minnu stess, sabiex l-ishma tal-kontendenti, fil-gjardina u r-razzett fuq imsemmi jigu fizikament separati u divizi minn xulxin b'dana illi l-ispejjez ta' tali xogholijiet jkunu a kariku tal-kontendenti f'ishma ndaqs u b'dana wkoll illi s-sehem tal-istess konvenuta minn dawn l-ispejjez debitament iccertifikat bhala tali mill-Perit nominat minn din il-Qorti, jkun rikoverabbli mill-attrici minnghand il-konvenuta b'titolu ezekuttiv.

Tinibixxi lill-istess konvenuta milli bi kwalukwe mod tfixkel jew izzomm it-twettiq tax-xogholijiet imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------